MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali – Il-Gudja

## ID-DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 17/09

**It-Tlieta 1 ta' April 2025**

Il-Kunsill Lokali tal-Gudja ltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 88, Triq Raymond Caruana, il-Gudja fl-erbgħa u nofs (4:30pm) ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Romeo Baldacchino – Sindku
Andrew Dalli – Viċi Sindku
Marija Micallef – Kunsilliera
Stefan Caruana – Kunsillier
Claire Chetcuti – Kunsilliera

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Nil

**ASSENTI**

Nil

**UFFIĊJALI PREŻENTI:**

Lara Mascena - Segretarju Eżekuttiv

AĠENDA

17.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

17.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti;

17.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

17.4 SPI/SCI/03/2025 – Inizjattiva Finanzjarja – Lokalitajiet Aktar Nodfa;

17.5 SPI/SCI/02/2025 – Skema għall-Attivitajiet Kulturali Annwali 2025/2026;

17.6 Sejħa għall-offerti: Xiri tal-van għal komunita';

17.7 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

17.8 Temi oħra tal-Kunsill Lokali;
a. Ġnien Raymond Caruana – progress
b. Miz 4.4: Ħitan tas-Sejjieħ – progress
c. Miz 4.3: Toroq Rurali – progress Tender GLC01/2023: The Major Rehabilitation of Rural Passageways in Tal-Għoljiet and Sqaq il-Loġġa in Gudja
d. Proġett tal-Pjazza – progress
e. Proġett tal-Ġnien ta` fejn il-Palazz – progress
f. Proġett ta' Rinovazzjoni tal-Latrina Pubblika – progress

17.9 Rapporti;

17.10 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

17.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

---

## Minuti
## Tmexxija u ftuħ tal-laqgħa

Is-Sindku ppresedja l-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fl-erbgħa u nofs ta` filgħaxija (4:30pm) wara talba qasira minn dawk kollha preżenti.

## 17.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġiji;

Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li ma kien hemm ittri ta' **apoloġija.**

## 17.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

Dawn il-minuti ġew iċċirkulati qabel il-laqgħa tal-Kunsill u ġew meħuda bħala moqrija.

Il-Kunsill b'vot unanimu approva dawn il-minuti nru 16/09 nem con.

**17.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;**

17.3.1 Is-Sindku nforma lil dawk preżenti li dwar il-magna tal-BCRS, il-Kunsill għadu qed jaħdem sabiex din tiġi riallokata f'post ieħor. Is-Sindku żied jgħid li l-Kunsill għandu laqgħa mall-Perita Antoinette Conti minn TM dwar din il-materja u affarijiet oħra.

17.3.2 Is-Sindku nforma lil dawk preżenti li l-Kunsill ordna tabelli sabiex ma jitħallewx vetturi pparkjati fiż-żona ta' Triq Ħal-Resqun. Is-Sindku żied jgħid li titħalla ġimgħa minn meta jitwaħħlu tabelli qabel ma jibdew jingħataw iċ-ċitazzjonijiet. Dwar ir-razzett, is-Sindku qal li ser isiru żewġ bollards bil-katina u katnazz biex jitħalla l-aċċess.

17.3.3 Is-Sindku nforma lil dawk preżenti li l-Kunsill ser ikollu laqgħa ma' rappreżentat tal-kumpanija Alberta minħabba installazzjoni ta' cctvs fil-lokalita tal-Gudja. Il-Kunsill qabel li jiġu nstallati cameras fl-area ta' Loreto u fi Triq Ħal-Resqun.

17.3.4 Is-Sindku nforma lil dawk preżenti li mall-pulizija tal-komunita', il-Kunsill qed jagħmel laqgħa kull xahar. Is-Sindku żied jgħid li ltaqa' wkoll mas-Supretedent il-ġdid tad-distrett.

16:55hr Il-Kunsillier S Caruana ngħaqqad fil-laqgħa.

17.3.5 Is-Sindku għamel referenza għall-korrispondenza li ntbgħatet mill-perita tal-Kunsill, fejn il-Kunsill ntalab sabiex jissotometi applikazzjoni mad-Dipartiment tal-Gvern Lokali biex jingħata id-devoluzzjoni tal-art fi Triq il-Markiża, il-Gudja. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

17.3.6 Is-Sindku nforma lil dawk preżenti li l-mobile toilets ma kienux intużaw waqt l-attivita' li saret mill-Għaqda Maria Assunta.

17.3.7 Is-Sindku nforma lil dawk preżenti li huwa flimkien mall-Assistent Prinċipal attendew għal konferenza li saret minn Clean Malta. Is-Sindku qal li huwa semma' l-problema li qed naffaċċjaw ħabba l-ħamiem selvaġġ fil-lokalita.

17.3.8 Ġie preżentat ir-rapport ta' Contracts Manager għax-xahar ta' Marżu 2025.

17.3.9 Is-Sindku għamel referenza għall-attivita' – Kwizz li itella' fl-iskola primarja tal-Gudja mat-tfal tal-ħames u sitt sena. Din l-attivita' tellgħet mir-Reġjun Nofsinhar. Għal din l-attivita' attenda Sindku, l-Kunsilliera C Chetcuti u s-Segretarju Eżekuttiv

17.3.10 Is-Sindku preżenta korrispondenza li rċivejna mingħand Skali Gudja dwar attivita' li ser isir nhar is-16 ta' April 2025 relatata mall-Ġimgħa Mqaddsa. Skali Gudja talbu sabiex il-Kunsill ikun jista' jgħin finanzjarjament biex ikollhom l-assistenza tal-pulizija matul din l-attivita' u kif ukoll jinxtraw xi xemgħat fejn il-qliegħ imur għal għan ġust. Il-Kunsill approva li jgħin billi jħallas għas-servizz tal-pulizija u kif ukoll jinxtraw b'150Eur xemgħat.

17.3.11 Ġiet preparata korrispondenza li ntbgħatet mill-Grupp Armar Santa Marija fejn talbu sabiex matul iż-żminijiet tal-festa ta' Santa Marija, il-Kunsill joħroġ in-no parkings quddiem il-maħżen biex ikunu jisgħtu joħorġu bil-materjal tal-festa. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

17.3.12 Is-Sindku nforma lil dawk preżenti li l-Kunsill ġie avviċinat mill-MHAL dwar inizjattiva ġdida Explore Malta. Din l-inizjattiva hija gwida għat-turist li jiġi jżur il-lokalita', permezz ta' beacons li jeħlu ma'postijiet ta' interess. Is-Sindku żied jgħid li l-Kunsill irid iġib il-permessi kollha neċċessarji minn naħa tal-Arċirpiet, Każini u entitajiet oħra sabiex ikunu jisgħtu jeħlu dawn il-beacons. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk preżenti.

**17.4 SPI/SCI/03/2025 – Inizjattiva Finanzjarja – Lokalitajiet Aktar Nodfa;**

Is-Sindku preżenta l-applikazzjoni relatata mall-iskema SPI/SCI/03/2025 - Inizjattiva Finanzjarja – Lokalitajiet Aktar Nodfa. Is-Sindku propona sabiex il-Kunsill japprova din ir-riżoluzzjoni u japplika għal din l-inizjattiva. Dawk preżenti qablu li l-Kunsill japplika għal din l-iskema.

**17.5 SPI/SCI/02/2025 – Skema għall-Attivitajiet Kulturali Annwali 2025/2026;**

Dan l-item ma ġiex diskuss.

**17.6 Sejħa għall-offerti: Xiri tal-van għal komunita';**

Is-Sindku nforma lil dawk preżenti li l-Kunsill kien qed jipprepara d-dokument għas-sejħa tal-offerti u qed naraw li jinħareġ aktar kmieni dan ix-xahar.

**17.7 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri;**

Ma kienx hemm.

**17.8 Temi oħra tal-Kunsill Lokali;**

a. Ġnien Raymond Caruana – progress
   Is-Sindku nforma lil dawk preżenti li l-kuntrattur għadu ma ġiex jibda xogħol u li qiegħed f'kuntatt mall-perit tad-Diviżjoni tax-Xogħlijiet Pubbliċi.
b. Miz 4.4: Ħitan tas-Sejjieħ – progress
c. Miż 4.3 – Toroq Rurali - progress
d. Proġett tal-Pjazza – progress
e. Proġett tal-Ġnien ta` fejn il-Palazz – progress
f. Proġett ta' Rinovazzjoni tal-Latrina Pubblika – progress

   Is-Sindku nforma lil dawk preżenti li l-kuntrattur lesta suffitt u fadal li jeħlu is-settijiet.

**17.9 Rapporti;**

Ma kienx hemm.

**17.10 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

Il-pagamenti nru 10/9 kif ippreżentata ġiet ipproponuta mill-Kunsilliera C Chetcuti u sekondata mill-Kunsilliera M Micallef għall-ammont totali ta' €41,840.14 u ġiet approvata nem con.

**17.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-Laqgħa ntemmet fis-sitta u għaxra ta' filgħaxija (6:10pm). Is-Sindku aġġorna l-laqgħa għal nhar it-Tlieta 22 ta' April 2025 fil-5.00pm fuq aġenda li tiġi ċċirkulata għand il-Kunsilliera kollha qabel il-laqgħa.

Konfermati, illum it-Tlieta 22 ta' April 2025

ffirmati
Romeo Baldacchino
Sindku

ffirmati
Lara Mascena
Segretarju Eżekuttiv